Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/0363(COD)

23.7.2026

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1238 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP)
(COM(2025)0840 – C10-0307/2025 – 2025/0363(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Stéphanie Yon-Courtin

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 41

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 43

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1238 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) (COM(2025)0840 – C10-0307/2025 – 2025/0363(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0840),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0307/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-23 ta’ Frar 2022[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0000/2026),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C , , p. .

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-inċentivi tat-taxxa għandhom rwol importanti biex jinkoraġġixxu l-użu ta' prodotti tal-pensjoni personali f'għadd ta' Stati Membri. L-inċentivi fiskali għall-prodotti tal-pensjoni personali jista' jkollhom forma differenti. F'ħafna Stati Membri, il-kontribuzzjonijiet li jitħallsu għall-prodotti tal-pensjoni personali jikkwalifikaw għal xi forma ta' ħelsien mit-taxxa. Bl-istess mod, f'ħafna Stati Membri, ir-riżultati tal-investiment tal-prodotti tal-pensjoni personali mhumiex suġġetti għat-taxxa, fuq il-bażi ta' eżenzjoni espliċita jew inkella fuq il-bażi ta' eżenzjoni de facto, jekk il-fornitur ikun suġġett għat-taxxa iżda jkun jista' jnaqqas mill-bażi tat-taxxa l-allokazzjonijiet għar-riżerva għall-pensjoni. Inċentivi tat-taxxa jistgħu jingħataw ukoll fil-fażi tad-dekumulazzjoni, bl-applikazzjoni ta' rata tat-taxxa favorevoli għall-ħlas tal-pensjoni personali. Il-prinċipju tat-trattament nazzjonali japplika għall-faddala tal-PEPP. ***Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli għal PEPP, li jkun oġġettivament komparabbli ma'*** prodott ***tal-pensjoni personali kkummerċjalizzat fi*** Stat Membru ***partikolari, li jibbenefika mill-istess ħelsien mit-taxxa mogħti lill-prodott tal-pensjoni personali f'dak l-Istat Membru. Dak jenħtieġ li japplika wkoll meta l-PEPP jiġi pprovdut minn fornitur li jkun ġej minn Stat Membru ieħor. L-istess trattament mhux inqas favorevoli jenħtieġ li japplika wkoll għal miżuri li jaqgħu taħt il-liġi nazzjonali, relatati ma' inċentivi*** oħra ***għall-prodotti*** tal-pensjoni personali ***jew*** miżuri ***li jkollhom skop jew effett ekwivalenti***.	(9) L-inċentivi tat-taxxa għandhom rwol importanti biex jinkoraġġixxu l-użu ta' prodotti tal-pensjoni personali f'għadd ta' Stati Membri. L-inċentivi fiskali għall-prodotti tal-pensjoni personali jista' jkollhom forma differenti. F'ħafna Stati Membri, il-kontribuzzjonijiet li jitħallsu għall-prodotti tal-pensjoni personali jikkwalifikaw għal xi forma ta' ħelsien mit-taxxa. Bl-istess mod, f'ħafna Stati Membri, ir-riżultati tal-investiment tal-prodotti tal-pensjoni personali mhumiex suġġetti għat-taxxa, fuq il-bażi ta' eżenzjoni espliċita jew inkella fuq il-bażi ta' eżenzjoni de facto, jekk il-fornitur ikun suġġett għat-taxxa iżda jkun jista' jnaqqas mill-bażi tat-taxxa l-allokazzjonijiet għar-riżerva għall-pensjoni. Inċentivi tat-taxxa jistgħu jingħataw ukoll fil-fażi tad-dekumulazzjoni, bl-applikazzjoni ta' rata tat-taxxa favorevoli għall-ħlas tal-pensjoni personali. Il-prinċipju tat-trattament nazzjonali japplika għall-faddala tal-PEPP. ***Minħabba li l-vantaġġi tat-taxxa għandhom rwol inkrementali fid-determinazzjoni tal-użu ta'*** prodott ***transfruntier fis-suq nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jiddiskriminawx kontra xi prodott bħal dan. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġijiet tat-taxxa tal-Istati Membri, l-Artikolu 110 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li "l-ebda*** Stat Membru ***ma għandu japplika fuq il-prodotti ta' Stati Membri oħra taxxi interni ta' tali natura li jagħtu protezzjoni indiretta lill-produzzjoni ta' merkanzija*** oħra***". Dak il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni huwa stabbilit sew u sostnut b'mod konsistenti fil-***

ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jużawx it-tassazzjoni bħala għodda biex jiddiskriminaw kontra l-PEPPs fir-rigward ta' prodotti tal-pensjoni personali ***nazzjonali komparabbli (prodotti tal-Pilastru III) sabiex jagħmlu l-PEPPs effettivament inqas attraenti minn prodotti tal-pensjoni personali nazzjonali komparabbli. Fejn ikun hemm bażi raġonevoli biex jitqies li d-dispożizzjonijiet tat-taxxa qed jiġu applikati b'mod diskriminatorju sabiex jagħmlu l-PEPPs inqas attraenti, il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew jew kwalunkwe Stat Membru jenħtieġ li jkun jista' jirrikjedi lill-Istat Membru rilevanti jiġġustifika tali*** miżuri ***mingħajr dewmien żejjed. Meta l-ġustifikazzjoni li tingħata, jew in-nuqqas ta' ġustifikazzjoni, jitqies mhux sodisfaċenti, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew ikun jista' jitlob lill-Kummissjoni taġixxi skont l-Artikolu 258 tat-TFUE. Fuq talba bħal din, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu azzjoni xierqa f'konformità mal-Artikolu 258 tat-TFUE.***

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Sabiex il-PEPPs jintużaw aktar, huwa essenzjali li PEPP jipprovdi valur għall-flus lill-faddala u għalhekk ikun attraenti u kompetittiv. Sabiex jiġi żgurat li l-forniturі potenzjali tal-PEPPs ifasslu prodotti f'konformità ma' dawk l-objettivi, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' PEPP jenħtieġ li turi l-kapaċità li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' sorveljanza u ta' governanza tal-prodott u turi kif il-prodott huwa mfassal biex	***imħassar***

jipprovdi valur għall-flus lill-faddala tal-PEPP.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Sabiex jiġi żgurat li l-aktar prodotti kosteffiċjenti jattiraw sehem dejjem akbar ta' tfaddil, u b'hekk jingħata kontribut għall-konsolidazzjoni u l-iżvilupp tas-settur tal-pensjonijiet personali, jenħtieġ li jkun hemm aktar kompetizzjoni fis-suq tal-PEPP. Sabiex jappoġġa dak l-objettiv u jgħin lill-faddala prospettivi jagħmlu għażliet infurmati, jenħtieġ li r-reġistru pubbliku ċentrali miżmum ***mill-EIOPA*** jiġi ***estiż biex jinkludi*** informazzjoni ***dwar il-kostijiet tal-passat u l-prestazzjoni tal-PEPPs***. ***Jenħtieġ li dik l-estensjoni ssir mingħajr ma jinħolqu pożijiet ta' rapportar bla bżonn għall-forniturituri tal-PEPPs, peress li l-informazzjoni*** rilevanti ***se tkun disponibbli fid-Dokument*** bl-Informazzjoni Ewlenija. Sabiex jiġu żgurati l-preċiżjoni u l-komparabbiltà, jenħtieġ li l-informazzjoni fir-reġistru tiġi aġġornata mill-inqas darba fis-sena.	(11) Sabiex jiġi żgurat li l-aktar prodotti kosteffiċjenti jattiraw sehem dejjem akbar ta' tfaddil, u b'hekk jingħata kontribut għall-konsolidazzjoni u l-iżvilupp tas-settur tal-pensjonijiet personali, jenħtieġ li jkun hemm aktar kompetizzjoni fis-suq tal-PEPP. Sabiex jappoġġa dak l-objettiv u jgħin lill-faddala prospettivi jagħmlu għażliet infurmati, jenħtieġ li r-reġistru pubbliku ċentrali miżmum ***mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)*** jiġi ***rriżaminat. Il-forma kurrenti tar-reġistru pubbliku ċentrali mhijiex faċli biżżejjed għall-utent, u fiha b'mod prominenti*** informazzjoni ***li mhijiex l-aktar*** rilevanti ***għall-konsumaturi. Dan huwa l-każ, pereżempju, fir-rigward tan-numru ta' reġistrazzjoni ta' PEPP, li huwa fost l-ewwel elementi ta' informazzjoni murija, minkejja li huwa primarjament rilevanti għall-awtoritajiet kompetenti. B'kuntrast ma' dan, bħalissa ma tintweriex informazzjoni ta' rilevanza akbar għall-konsumaturi, bħad-dettalji ta' kuntatt tal-fornitur tal-PEPP. Għal dik ir-raġuni, huwa fundamentali li l-EIOPA tipprovdi r-reġistru pubbliku ċentrali bħala pjattaforma mmirata għall-konsumatur. Għalhekk, jenħtieġ li l-EIOPA taġġorna u żżomm ir-reġistru pubbliku ċentrali b'tali mod li l-konsumaturi jkunu jistgħu jużawh b'mod sempliċi, faċli għall-utent u interattiv. Wara l-ittestjar mill-konsumaturi, jenħtieġ li l-EIOPA***

tikkunsidra, fejn rilevanti, l-użu ta' graffs, immaġnijiet, filtri skont il-pajjiż, kuluri jew kwalunkwe element ieħor li jista' jagħmel il-pjattaforma sempliċi u faċli għall-utent. Ir-reġistru pubbliku ċentrali għandu jiffoka fuq punti ta' informazzjoni ewlenin rilevanti għall-konsumaturi u mhux jidduplika d-Dokument bl-Informazzjoni Ewlenija ***(KID). Għalhekk, jenħtieġ li r-reġistru pubbliku ċentrali jidentifika l-kategoriji ewlenin ta' informazzjoni rilevanti għall-konsumatur, u jenħtieġ li jinkludi l-Istati Membri li fihom jiġi ddistribwit il-PEPP, l-isem tal-prodott, il-karatteristiċi tal-prodott, bħal jekk huwiex Prodott tal-EuroPension jew PEPP imfassal apposta, l-assi li fihom se jiġi investit il-PEPP, il-metodi ta' ħruġ, bħal somma f'daqqa jew annwalità, il-possibbiltajiet ta' ġbid bikri; l-indikaturi tar-riskju, it-tariffi, il-prestazzjonijiet tal-passat, il-vantaġġi tat-taxxa, jekk ikun hemm; l-informazzjoni ta' kuntatt tal-fornitur tal-PEPP, u link għall-KID li jkun fih il-bqija tal-informazzjoni rilevanti. Dik l-informazzjoni għandha l-għan li tgħin lill-konsumatur jidentifika l-offerta fis-suq tal-Unjoni, speċjalment fl-Istati Membri***. Sabiex jiġu żgurati l-preċiżjoni u l-komparabbiltà, jenħtieġ li l-informazzjoni fir-reġistru ***pubbliku ċentrali*** tiġi aġġornata mill-inqas darba fis-sena.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-livell tal-kostijiet u tal-imposti assoċjati mal-prodotti tal-pensjoni personali jista' jkollu impatt sinifikanti fuq l-eżitu finali tal-pensjoni għall-faddala, u	(14) Il-livell tal-kostijiet u tal-imposti assoċjati mal-prodotti tal-pensjoni personali jista' jkollu impatt sinifikanti fuq l-eżitu finali tal-pensjoni għall-faddala, u

mhux dejjem jista' jkun trasparenti jew faċilment komparabbli. ***In-nuqqas ta' kriterji ċari u armonizzati biex jiġi vvalutat jekk il-kostijiet humiex ġustifikati u proporzjonati għar-redditi offruti jirriskja li jimmina l-fiduċja fil-PEPPs u jiskoraġġixxi l-parteċipazzjoni fihom. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas strutturat ta' valur għall-flus, li jiżgura li l-PEPPs jipprovdu riżultati ġusti*** għall-faddala u ***li l-kostijiet u l-prestazzjoni tagħhom ikunu proporzjonati għall-karatteristiċi, l-objettivi u l-profil tar-riskju/redditu tagħhom, u b'hekk joffru valur tajjeb għall-flus***.	mhux dejjem jista' jkun trasparenti jew faċilment komparabbli. ***Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni*** għall-faddala u ***sabiex tiġi promossa l-koerenza regolatorja, jenħtieġ li jissaħħu r-rekwiżiti ta' sorveljanza u ta' governanza tal-prodotti applikabbli għall-forniturи tal-PEPPs. Dan jiġġustifika l-allinjament mar-regoli kif emendati fil-kuntest tal-Istrateġija ta' Investiment għall-Konsumatur filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-PEPP bħala prodott ta' tfaddil fit-tul***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-premessi 14 u 16 ġew magħquda flimkien.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Sabiex jiġi żgurat li l-PEPPs jitfasslu u jiġu distribwiti fl-aħjar interessi tal-faddala, il-valutazzjoni tal-valur għall-flus jenħtieġ li tiġi inkorporata fil-qafas usa' ta' sorveljanza u ta' governanza tal-prodotti. Il-proċess tal-approvazzjoni tal-prodott jenħtieġ li jidentifika s-suq fil-mira, l-objettivi u l-ħtiġijiet tal-faddala u juri, qabel ma l-prodott jiġi approvat għad-distribuzzjoni, li l-kostijiet u l-imposti totali huma ġustifikati u proporzjonati fid-dawl tal-benefiċċji u l-prestazzjoni mistennija. Sabiex tiżdied il-fiduċja tal-konsumaturi fil-PEPPs, PEPP li ma jissodisfax dawn il-kriterji jenħtieġ li ma jiġix approvat, immanifatturat jew distribwit.	***imħassar***

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-faddala tal-PEPP u sabiex tiġi promossa l-koerenza regolatorja, jenħtieġ li jissaħħu r-rekwiżiti ta' sorveljanza u ta' governanza tal-prodotti applikabbli għall-forniturи tal-PEPPs. Dan jiġġustifika l-allinjament ma' dawk stabbiliti skont id-Direttiva (UE) 2016/97[6] kif emendata fil-kuntest tal-Istrateġija ta' Investiment għall-Konsumatur, u li jittieħed kont tal-ispeċifiċitajiet tal-PEPP bħala prodott ta' tfaddil fit-tul.	***imħassar***
[6] Id-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (riformulazzjoni) (ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2016/97/oj)	

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test ġie miżjud mal-premessa 14.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Peress li r-reġistrazzjoni ta' PEPP isseħħ qabel ma jkun possibbli li jiġi	***imħassar***

aċċertat jekk il-prodott effettivament jipprovdix valur għall-flus lill-faddala fil-prattika, xi PEPPs jistgħu fil-prattika joffru valur għall-flus aktar baxx minn dak indikat inizjalment. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkollhom is-setgħat li jimmonitorjaw l-iżviluppi u jenħtieġ li jkunu jistgħu jeżiġu miżuri korrettivi, fejn meħtieġ.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Il-qafas tal-PEPP jenħtieġ li jiġi applikat b'mod konsistenti mal-leġiżlazzjoni prudenzjali settorjali. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-provvista ta' komunikazzjonijiet u prattiki ta' kummerċjalizzazzjoni iżda wkoll għall-KID tal-PEPP. Għal dan tal-aħħar, sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-komparabbiltà fil-KIDs kollha meħtieġa skont diversi strumenti leġiżlattivi tal-Unjoni, l-informazzjoni pprovduta lill-konsumaturi jenħtieġ li tiġi ppreżentata b'mod ċar u li jinftiehem u l-KID tal-PEPP jenħtieġ li jiġi allinjat, fejn rilevanti, mar-rekwiżiti applikabbli skont il-qafas previst mir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a]. Fil-każ ta' bidla sostanzjali f'dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-KID tal-PEPP jiġi allinjat, fejn rilevanti, mal-KID tal-PRIIPs, biex tiġi żgurata l-komparabbiltà bejn il-prodotti finanzjarji għall-konsumaturi fl-Unjoni u biex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn għall-fornituri u d-distributuri tal-PEPP li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni settorjali oħra.

[1a] Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1286/oj).

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Il-kunfidenza tal-konsumatur hija essenzjali biex il-PEPPs ikunu suċċess. Skont l-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2025 tal-EIOPA, 54 % tal-konsumaturi tal-Unjoni jkunu aktar probabbli li jixtru prodott tal-pensjoni li jkollu tikketta uffiċjali tal-Unjoni, li jfisser żieda għal 65 % fost il-konsumaturi taħt l-24 sena. Il-konsumaturi jassoċjaw tikketta bħal din mal-konformità ma' standards stretti tal-Unjoni, fiduċja akbar fil-fornituri, protezzjoni mtejba tal-konsumatur u trasparenza akbar. Għalhekk, jenħtieġ li d-dežinjazzjoni tal-PEPPs Bażiċi bħala l-"Prodott tal-EuroPension" għall-faddala tal-PEPP tiġi introdotta bħala t-tikketta tal-Unjoni għall-PEPP prestabbilit sabiex il-konsumaturi jingħataw indikazzjoni ċara u rikonoxxibbli li l-prodott jikkonforma ma' rekwiżiti armonizzati tal-Unjoni relatati mas-sempliċità, mas-sikurezza, mat-trasparenza u mal-valur għall-flus.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) ***L-Artikolu 45(2) tar-Regolament*** (UE) 2019/1238 jirrikjedi li l-PEPP Bażiku jkun soġġett għal limitu massimu ta' 1 % fuq il-kostijiet u t-tariffi***, filwaqt li l-Artikolu 34(2) ta' dak ir-Regolament jobbliga lil fornitur tal-PEPP jew lil distributur tal-PEPP jipprovdi pariri qabel il-konklużjoni ta' kuntratt tal-PEPP Bażiku. Dawk ir-rekwiżiti qajmu*** tħassib fost il-forniturи u d-distributuri potenzjali, peress li ***dawk ir-rekwiżiti jitqiesu*** li ***jillimitaw il-vijabbiltà*** kummerċjali tal-offerta ta' PEPPs, inkluż permezz ta' mezzi diġitali. Barra minn hekk, il-limitu fiss ta' 1 % fuq il-miżati mhuwiex neċessarjament l-aktar mod effettiv biex jiġu protetti l-faddala u l-benefiċjarji, u ma jirriflettix relazzjoni proporzjonali bejn il-benefiċċji u l-offerti ta' redditu lill-faddala, l-ispejjeż imġarrba mill-forniturи, u l-miżati imposti. Il-forniturи spiss iġarrbu telf fl-ewwel snin ta' kuntratt, meta l-kostijiet tal-akkwiżizzjoni u tal-istabbiliment ikunu għoljin, filwaqt li l-faddala jistgħu jkunu żvantaġġati minn limitu massimu fuq il-miżati fis-snin ta' wara hekk kif il-kapital akkumulat tagħhom jiżdied u l-kostijiet assoluti imposti jiżdiedu, minkejja li jkun meħtieġ inqas sforz ta' ġestjoni. Il-limitu massimu ta' 1 % tal-miżati jista' jwassal ukoll għal kundizzjonijiet mhux ekwi minħabba differenzi fit-trattament tal-VAT fost l-Istati Membri. Għalhekk, biex jiġi promoss l-użu tal-PEPP, u jiġi żgurat prodott sostenibbli u ta' kwalità għolja, huwa meħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jitneħħew. Sabiex titħares il-protezzjoni tal-konsumatur u jiġi żgurat li l-PEPP Bażiku jibqa' prodott sempliċi adattat għal skopijiet ta' rtirar, jenħtieġ li jitfassal bi	(19) ***Ir-Regolament*** (UE) 2019/1238 jirrikjedi li l-PEPP Bażiku jkun soġġett għal limitu massimu ta' 1 % fuq il-kostijiet u t-tariffi***. Dak ir-rekwiżit qajjem*** tħassib fost il-forniturи u d-distributuri potenzjali, peress li ***jitqies*** li ***jillimita l-vijabbiltà*** kummerċjali tal-offerta ta' PEPPs, inkluż permezz ta' mezzi diġitali. Barra minn hekk, il-limitu fiss ta' 1 % fuq il-miżati mhuwiex neċessarjament l-aktar mod effettiv biex jiġu protetti l-faddala u l-benefiċjarji, u ma jirriflettix relazzjoni proporzjonali bejn il-benefiċċji u l-offerti ta' redditu lill-faddala, l-ispejjeż imġarrba mill-forniturи, u l-miżati imposti. Il-forniturи spiss iġarrbu telf fl-ewwel snin ta' kuntratt, meta l-kostijiet tal-akkwiżizzjoni u tal-istabbiliment ikunu għoljin, filwaqt li l-faddala jistgħu jkunu żvantaġġati minn limitu massimu fuq il-miżati fis-snin ta' wara hekk kif il-kapital akkumulat tagħhom jiżdied u l-kostijiet assoluti imposti jiżdiedu, minkejja li jkun meħtieġ inqas sforz ta' ġestjoni. Il-limitu massimu ta' 1 % tal-miżati jista' jwassal ukoll għal kundizzjonijiet mhux ekwi minħabba differenzi fit-trattament tal-VAT fost l-Istati Membri. Għalhekk, biex jiġi promoss l-użu tal-PEPP, u jiġi żgurat prodott sostenibbli u ta' kwalità għolja, huwa meħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jitneħħew. Sabiex titħares il-protezzjoni tal-konsumatur u jiġi żgurat li l-PEPP Bażiku jibqa' prodott sempliċi adattat għal skopijiet ta' rtirar, jenħtieġ li jitfassal bi strateġija inkorporata ta' investiment tul iċ-ċiklu tal-ħajja, li tipprovdi bilanċ xieraq bejn it-tkabbir u l-mitigazzjoni tar-riskju. L-assi tal-PEPP Bażiku ***tikkettati bħala l-"Prodott tal-EuroPension" għall-faddala***

strateġija inkorporata ta' investiment tul iċ-ċiklu tal-ħajja, li tipprovdi bilanċ xieraq bejn it-tkabbir u l-mitigazzjoni tar-riskju. ***Għall-istess raġuni,*** l-assi tal-PEPP Bażiku jenħtieġ li jiġu investiti ***b'mod predominanti f'assi kkwotati u mhux kumplessi skont it-tifsira tal-Artikolu 25(4), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] . Sabiex tiġi promossa d-diversifikazzjoni filwaqt li tinżamm is-sempliċità, jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP Bażiku jitħallew jallokaw porzjon żgħir ta' assi, li ma jaqbiżx il-5 %, għal strumenti finanzjarji oħra,*** inklużi ***assi alternattivi***.

tal-PEPP jenħtieġ li jiġu investiti ***f'konformità mal-"prinċipju tal-persuna prudenti", li jippermetti allokazzjoni xierqa tal-assi matul l-istadji differenti tal-ħajja tal-prodott***, inklużi ***investimenti f'assi mhux elenkati tal-Unjoni fejn xieraq***.

---

[7] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (riformulazzjoni) (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj)

---

[7] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (riformulazzjoni) (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj)

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) ***Sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-pariri u jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-faddala prospettivi tal-PEPP, kwalunkwe parir ipprovdut fir-rigward tal-PEPP*** Bażiku ***jenħtieġ li jingħata fuq bażi indipendenti u wara li jintalab mill-klijent biss. Meta jitqiesu kemm in-natura mhux kumplessa*** tal-PEPP Bażiku ***kif ukoll il-karattru indipendenti tal-parir, huwa xieraq li jiġi previst li, meta jingħata tali parir,*** id-distributur tal-PEPP	(20) ***Irrispettivament minn jekk huwiex PEPP*** Bażiku ***jew PEPP imfassal apposta, il-parir huwa aspett importanti tal-abbonament ta' prodott tal-pensjoni personali għal faddal tal-PEPP. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jingħata parir fi stadji importanti fil-ħajja tal-prodott jew fil-każ ta' bidla sinifikanti fis-sitwazzjoni finanzjarja tal-faddal tal-PEPP. Minħabba l-objettivi u n-natura*** tal-PEPP Bażiku***, jenħtieġ li l-faddala tal-***

ma jkunx obbligat li jikseb informazzjoni dwar l-għarfien u l-esperjenza tal-faddal prospettiv tal-PEPP. Dak l-approċċ jiżgura li l-parir jibqa' oġġettiv, proporzjonat u effiċjenti għad-distributuri, filwaqt li jinżamm standard għoli ta' protezzjoni tal-investituri u jippromwovi l-aċċessibbiltà tal-PEPP Bażiku fl-Unjoni permezz ta' varjetà ta' kanali ta' distribuzzjoni. Għall-PEPPs imfassla apposta u aktar sofistikati, il-parir jibqa' essenzjali biex tiġi pprovduta l-aktar offerta xierqa u mfassla apposta lill-faddala prospettivi, filwaqt li jitqiesu l-għarfien, is-sitwazzjoni finanzjarja u l-predispożizzjoni għar-riskju tagħhom.

PEPP jibbenefikaw milli jiġu akkumpanjati fil-vjaġġ ta' investiment tagħhom bl-aktar mod aċċessibbli u effiċjenti. Huwa għalhekk li, biex jinżamm il-livell ta' protezzjoni tal-faddal tal-PEPP u tiġi żgurata l-aktar esperjenza faċli għall-utent, il-parir dwar il-PEPP jenħtieġ li jiġi pprovdut permezz ta' mezzi diġitali. Il-faddal tal-PEPP jenħtieġ li jżomm id-dritt li jitlob parir wiċċ imb wiċċ ipprovdut permezz ta' konsulent finanzjarju, li l-fornitur tal-PEPP jew id-distributur tal-PEPP ***jenħtieġ li jagħmel disponibbli fuq tali talba.*** .

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Il-kontribuzzjonijiet tal-impjegaturi, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' awtoreġistrazzjoni, urew li huma effettivi biex jingħelbu l-ostakli komportamentali għat-tfaddil, inkluż inerzja jew nuqqas ta' litteriżmu finanzjarju, filwaqt li jsaħħu l-fiduċja, l-involviment u l-parteċipazzjoni f'pensjonijiet supplimentari. Ir-rikonoxximent espliċitu li l-impjegaturi għandhom jitħallew jagħmlu kontribuzzjonijiet volontarji għal PEPP jista' ***jtejjeb b'mod sinifikanti l-viżibbiltà***, ir-rilevanza u l-użu tal-PEPPs, b'mod partikolari fost il-gruppi li mhumiex moqdija biżżejjed, inklużi l-ħaddiema b'introjtu baxx u part-time u l-ħaddiema żgħażagħ fil-bidu tal-karriera tagħhom. ***Bl-istess mod***, il-fatt li l-impjegaturi jitħallew jagħżlu l-PEPP fil-kuntest ta' arranġament ta' fuq il-post tax-xogħol bl-użu tal-	(22) Il-kontribuzzjonijiet tal-impjegaturi, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' awtoreġistrazzjoni, urew li huma effettivi biex jingħelbu l-ostakli komportamentali għat-tfaddil, inkluż inerzja jew nuqqas ta' litteriżmu finanzjarju, filwaqt li jsaħħu l-fiduċja, l-involviment u l-parteċipazzjoni f'pensjonijiet supplimentari. ***PEPP, li għalih jikkontribwixxu kemm l-impjegatur kif ukoll l-impjegat, jenħtieġ li jibqa' prodott tal-pensjoni tat-tielet pilastru.*** Ir-rikonoxximent espliċitu li l-impjegaturi għandhom jitħallew jagħmlu kontribuzzjonijiet volontarji għal PEPP jista' ***jippreżenta opportunità siewja biex jitnaqqas id-distakk f'dawk l-Istati Membri jew setturi fejn ma teżisti l-ebda skema tal-pensjoni tat-tieni pilastru u fejn ftit prodotti tal-pensjoni vijabbli tat-tielet pilastru huma disponibbli għall-***

awtoreġistrazzjoni ***jista' jkompli jsaħħaħ l-użu tal-PEPP u joffri lill-impjegati, speċjalment fl-Istati Membri b'sistemi tal-pensjonijiet*** okkupazzjonali ***inqas żviluppati***, ***il-possibbiltà*** li jinvestu t-tfaddil tagħhom għall-irtirar fi prodotti regolati sew u kosteffettivi. ***Għalhekk,*** jenħtieġ li l-Istati Membri ma jipprevjenux lill-impjegaturi milli jikkontribwixxu għall-PEPPs, ***u*** jenħtieġ li jiżguraw li tali kontribuzzjonijiet ikunu sostnuti minn regoli ċari dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-impjegati***. Mingħajr preġudizzju għan-natura personali tal-PEPP, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jippermettu wkoll li l-PEPPs jiġu pprovduti bħala parti minn arranġament ta' fuq il-post tax-xogħol bl-użu tal-awtoreġistrazzjoni, fejn dan ikun konformi mal-liġijiet soċjali u tax-xogħol nazzjonali, kompatibbli mal-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet u mal-ftehimiet kollettivi, u ma jinterferixxix mal-iskemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali eżistenti***. Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tal-PEPP f'kuntest ta' post tax-xogħol, huma meħtieġa diversi emendi għar-Regolament (UE) 2019/1238 biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda ostaklu bla bżonn li jfixkel il-kontribuzzjonijiet tal-impjegaturi, u biex il-qafas rilevanti jiġi adattat għall-ispeċifiċitajiet tal-arranġamenti tal-post tax-xogħol.

konsumaturi. Dan iwassal biex itejjeb ukoll il-viżibbiltà, ir-rilevanza u l-użu tal-PEPPs, b'mod partikolari fost il-gruppi li mhumiex moqdija biżżejjed, inklużi l-ħaddiema b'introjtu baxx u part-time u l-ħaddiema żgħażagħ fil-bidu tal-karriera tagħhom. ***Għalhekk***, il-fatt li l-impjegaturi jitħallew jagħżlu l-PEPP fil-kuntest ta' arranġament ta' fuq il-post tax-xogħol bl-użu tal-awtoreġistrazzjoni ***fejn l-ebda skema ta' pensjoni*** okkupazzjonali ***eżistenti tat-tieni pilastru ma tkun disponibbli fi Stat Membru partikolari, jista' joffri lill-impjegati l-possibbiltà*** li jinvestu t-tfaddil tagħhom għall-irtirar fi prodotti regolati sew u kosteffettivi, ***fejn ma jkollhom l-ebda għażla alternattiva***. ***Dan għandu jirrispetta l-liġijiet soċjali u tax-xogħol nazzjonali, ikun kompatibbli mal-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi u ma għandux jinterferixxi mal-iskemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali eżistenti. Meta jkun jeżisti prodott tat-tieni pilastru, il-PEPP tal-post tax-xogħol jista' jiġi offrut mill-impjegatur lill-impjegat bħala għażla addizzjonali u komplementari tat-tielet pilastru. Filwaqt li*** jenħtieġ li l-Istati Membri ma jipprevjenux lill-impjegaturi milli jikkontribwixxu għall-PEPPs, jenħtieġ li jiżguraw li tali kontribuzzjonijiet ikunu sostnuti minn regoli ċari dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-impjegati. Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tal-PEPP f'kuntest ta' post tax-xogħol, huma meħtieġa diversi emendi għar-Regolament (UE) 2019/1238 biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda ostaklu bla bżonn li jfixkel il-kontribuzzjonijiet tal-impjegaturi, u biex il-qafas rilevanti jiġi adattat għall-ispeċifiċitajiet tal-arranġamenti tal-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) It-tfaddil akkumulat fi prodotti tal-pensjoni personali huwa min-natura tiegħu ta' terminu twil. Madankollu, biex jiġi ffaċilitat l-użu tal-PEPPs, huwa importanti li l-Istati Membri ma jfixklux ***it-trasferiment ta' tfaddil tal-irtirar ieħor għall-PEPPs. Biex tali*** trasferimenti ***jsiru*** attraenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li ***l-PEPPs*** ma jkunux soġġetti għal ostakli finanzjarji jew amministrattivi diskriminatorji jew sproporzjonati li jagħmlu ***trasferiment lejn*** PEPP aktar għali minn trasferimenti bejn prodotti tal-pensjoni personali oħra. ***Għall-istess raġuni, il-PEPPs jenħtieġ li jibbenefikaw ukoll mill-istess*** trattament tat-taxxa ***bħal*** prodotti tal-pensjoni ***personali*** nazzjonali komparabbli.	(23) It-tfaddil akkumulat fi prodotti tal-pensjoni personali huwa min-natura tiegħu ta' terminu twil. Madankollu, biex jiġi ffaċilitat l-użu tal-PEPPs, huwa importanti li l-Istati Membri ma jfixklux ***it-trasferimenti bejn il-PEPPs, u bejn PEPPs u prodotti tal-pensjoni personali oħra. Il-konsumaturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jibbenefikaw minn portabbiltà sħiħa bejn il-konfigurazzjonijiet kollha tal-PEPP. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu*** trasferimenti ***bejn il-PEPPs, irrispettivament mit-tip ta' PEPP ikkonċernat, kemm jekk ikun "Prodott tal-EuroPension" kif ukoll jekk ikun PEPP imfassal apposta. Jenħtieġ li PEPP tal-post tax-xogħol ikun eliġibbli wkoll biex jiġi ttrasferit. Barra minn hekk, biex il-qafas tal-PEPP isir*** attraenti ***għall-konsumaturi tal-Unjoni***, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li ***l-konsumaturi jkunu jistgħu jittrasferixxu bejn il-PEPPs tagħhom u prodotti tal-pensjoni personali nazzjonali oħra. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li dawk it-trasferimenti*** ma jkunux soġġetti għal ostakli finanzjarji jew amministrattivi diskriminatorji jew sproporzjonati li jagħmlu ***t-trasferimenti bejn*** PEPP ***u prodott tal-pensjoni personali ieħor*** aktar għali minn trasferimenti bejn prodotti tal-pensjoni personali oħra. ***F'dak il-qafas,*** trattament tat-taxxa ***simili bejn*** prodotti tal-pensjoni nazzjonali komparabbli ***u l-PEPP ikun strumentali biex jiġi żgurat is-suċċess tal-portabbiltà tal-PEPP ma' PEPPs u prodotti tal-pensjoni nazzjonali oħra***.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Meta PEPP jiġi distribwit b'mod transfruntier, is-superviżjoni effettiva tal-fornituri u tad-distributuri tal-PEPPs tirrikjedi kooperazzjoni mill-qrib u approċċi konsistenti fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni. Id-diverġenzi fl-azzjonijiet superviżorji jistgħu joħolqu inċertezza għall-parteċipanti fis-suq u jwasslu għal livelli inugwali ta' protezzjoni tal-konsumatur. Sabiex tissaħħaħ il-koordinazzjoni superviżorja u tiġi żgurata azzjoni proporzjonata u konsistenti f'każijiet fejn l-interessi tal-faddala jew tal-benefiċjarji tal-PEPPs jistgħu jkunu f'riskju, jeħtieġ li jiġi fformalizzat ir-rwol tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) bħala faċilitatur biex jinstabu soluzzjonijiet xierqa. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-EIOPA tingħata s-setgħa li tistabbilixxi u tikkoordina pjattaformi ta' kollaborazzjoni li jlaqqgħu l-awtoritajiet kompetenti rilevanti, biex tippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni, tappoġġa l-konverġenza tal-prattiki superviżorji u, fejn xieraq, tassisti fir-riżoluzzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet f'konformità mas-setgħat tagħha skont ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010.	(26) Meta PEPP jiġi distribwit b'mod transfruntier, is-superviżjoni effettiva tal-fornituri u tad-distributuri tal-PEPPs tirrikjedi kooperazzjoni mill-qrib u approċċi konsistenti fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni. Id-diverġenzi fl-azzjonijiet superviżorji jistgħu joħolqu inċertezza għall-parteċipanti fis-suq u jwasslu għal livelli inugwali ta' protezzjoni tal-konsumatur. Sabiex tissaħħaħ il-koordinazzjoni superviżorja u tiġi żgurata azzjoni proporzjonata u konsistenti f'każijiet fejn l-interessi tal-faddala jew tal-benefiċjarji tal-PEPPs jistgħu jkunu f'riskju, jeħtieġ li jiġi fformalizzat ir-rwol tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) bħala faċilitatur biex jinstabu soluzzjonijiet xierqa. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-EIOPA tingħata s-setgħa li tistabbilixxi u tikkoordina pjattaformi ta' kollaborazzjoni li jlaqqgħu l-awtoritajiet kompetenti rilevanti, biex tippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni, tappoġġa l-konverġenza tal-prattiki superviżorji u, fejn xieraq, tassisti fir-riżoluzzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet f'konformità mas-setgħat tagħha skont ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010. ***Is-setgħat ta' intervent fis-suq tal-EIOPA huma essenzjali biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-faddala tal-PEPPs meta jinqala' tħassib sinifikanti u l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux ħadu azzjoni, jew ma jkunux ħadu azzjoni suffiċjenti, biex jindirizzaw dak it-tħassib. Dawk is-setgħat superviżorji huma essenzjali biex jissalvagwardjaw l-integrità, il-kredibbiltà u r-reputazzjoni tal-"Prodott tal-EuroPension" il-ġdid għall-faddala tal-PEPP u biex tinżamm il-fiduċja fis-suq tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) 'parir fuq bażi indipendenti' tfisser parir li fir-rigward tiegħu l-fornitur tal-PEPP jew id-distributur tal-PEPP:	***imħassar***
(a) jivvaluta għadd kbir biżżejjed ta' prodotti tal-pensjoni personali disponibbli fis-suq li huma ddiversifikati biżżejjed fir-rigward tat-tip u l-fornituri tal-prodotti tagħhom biex jiġi żgurat li l-objettivi tal-faddala prospettivi tal-PEPP ikunu jistgħu jintlaħqu kif xieraq u ma għandhomx ikunu limitati għal prodotti tal-pensjoni personali maħruġa jew ipprovduti minn entitajiet li għandhom rabtiet mill-qrib mal-fornitur tal-PEPPs jew mad-distributur tal-PEPPs;	
(b) ma jaċċettax u ma jżommx miżati, kummissjonijiet jew kwalunkwe benefiċċju monetarju jew mhux monetarju mħallsa jew ipprovduti minn kwalunkwe parti terza jew persuna li taġixxi f'isem parti terza b'rabta mal-forniment tas-servizz lill-faddala tal-PEPP prospettivi;	

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) ‘strateġija ta’ investiment tul iċ-ċiklu tal-ħajja’ tfisser strateġija ta’ investiment li taġġusta l-livell ta’ riskju marbut mal-investimenti skont perkors ta’ tnaqqis predeterminat immirat lejn il-mitigazzjoni tar-riskju tal-investiment u li tipprovdi grad raġonevoli ta’ apprezzament fit-tul, filwaqt li tqis l-età jew id-data tal-irtirar tal-individwu, u fejn rilevanti, il-profil tal-ħlas tal-prodott, biex jiġi minimizzat ir-riskju ta’ telf kbir.;	(35) ‘strateġija ta’ investiment tul iċ-ċiklu tal-ħajja’ tfisser strateġija ta’ investiment li taġġusta l-livell ta’ riskju marbut mal-investimenti skont perkors ta’ tnaqqis predeterminat immirat lejn il-mitigazzjoni tar-riskju tal-investiment u li tipprovdi grad raġonevoli ta’ apprezzament fit-tul, filwaqt li tqis l-età jew id-data tal-irtirar tal-individwu, ***kif ukoll l-aptit għar-riskju tal-faddal,*** u fejn rilevanti, il-profil tal-ħlas tal-prodott, biex jiġi minimizzat ir-riskju ta’ telf kbir. ***Strateġija bħal din tassumi livell ogħla ta’ riskju meta l-perjodu ta’ investiment li jifdal tal-faddal ikun twil, inkluż permezz ta’ esponiment għal assi mhux elenkati meta jkun xieraq, filwaqt li tnaqqas gradwalment il-livell tar-riskju hekk kif toqrob il-fażi ta’ dekumulazzjoni***;

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-PEPPs jirċievu trattament fiskali li ma jkunx ***inqas favorevoli minn dak mogħti lil*** prodotti tal-pensjoni personali oħrajn. Meta Stat Membru ***japplika tipi jew livelli differenti ta’ ħelsien mit-taxxa fir-rigward ta’ tali prodotti tal-pensjoni personali oħrajn, il-PEPP*** għandu ***jkun eliġibbli għall-aktar trattament favorevoli disponibbli skont il-liġi ta’ dak l-Istat*** Membru.;	***Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġijiet tat-taxxa tal-Istati Membri, u f’konformità mat-TFUE,*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-PEPPs ***transfruntieri*** jirċievu trattament fiskali li ma jkunx ***diskriminatorju fir-rigward ta’*** prodotti tal-pensjoni personali ***nazzjonali komparabbli*** oħrajn. Meta ***jkun hemm bażi raġonevoli biex jitqies li d-dispożizzjonijiet tat-taxxa qed jiġu applikati b’mod diskriminatorju b’mod li jagħmlu l-PEPPs inqas attraenti, il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew jew kwalunkwe*** Stat

Membru għandu ***jkollu s-setgħa li jitlob lill-Istat*** Membru ***rilevanti jiġġustifika tali miżuri mingħajr dewmien żejjed. Meta l-ġustifikazzjoni li tingħata, jew in-nuqqas ta' ġustifikazzjoni, jitqies mhux sodisfaċenti, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew ikun jista' jitlob lill-Kummissjoni taġixxi skont l-Artikolu 258 tat-TFUE. Fuq talba bħal din, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu azzjoni xierqa f'konformità mal-Artikolu 258 tat-TFUE***.;

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt fa

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(fa) dokumentazzjoni li turi l-konformità mar-rekwiżiti ta' sorveljanza tal-prodott u ta' governanza ***msemmija fl-Artikolu 25, inkluża informazzjoni dwar kif il-PEPP huwa mfassal biex jipprovdi valur għall-flus lill-faddala tal-PEPP***;***;***	(fa) dokumentazzjoni li turi l-konformità mar-rekwiżiti ta' sorveljanza tal-prodott u ta' governanza ***f'konformità mal-Artikolu 3(b) u l-Artikoli 23 u 25 ta' dan ir-Regolament***;

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:
Id-dežinjazzjoni ***"***Prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew***"*** jew ***"***PEPP***"*** b'rabta ma' prodotti tal-pensjoni personali tista' tintuża biss meta l-prodott tal-	***"***Id-dežinjazzjoni ***'***Prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew***'*** jew ***'***PEPP***', jew 'Prodott tal-EuroPension' skont l-Artikolu 45(1),*** b'rabta ma' prodotti tal-

pensjoni personali jkun ġie rreġistrat mill-EIOPA biex jiġi ddistribwit bid-dežinjazzjoni **"**PEPP**"** f'konformità ma' dan ir-Regolament.	pensjoni personali tista' tintuża biss meta l-prodott tal-pensjoni personali jkun ġie rreġistrat mill-EIOPA biex jiġi ddistribwit bid-dežinjazzjoni **'**PEPP**'** f'konformità ma' dan ir-Regolament.**"**

Or. en

((02019R1238))

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 13 – paragrafu –1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) fl-Artikolu 13, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"-1. L-EIOPA għandha żżomm reġistru pubbliku ċentrali online li jaħżen l-informazzjoni essenzjali kollha ta' kull PEPP irreġistrat fl-Unjoni. Ir-reġistru pubbliku ċentrali għandu jkun pjattaforma mmirata għall-konsumaturi u miżmuma mill-EIOPA."

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-EIOPA għandha żżomm reġistru*** pubbliku ċentrali ***li jidentifika kull PEPP irreġistrat skont dan ir-Regolament, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-PEPP, il-fornitur tal-PEPP ta' dan*** il-PEPP, ***l-awtoritajiet kompetenti*** tal-fornitur tal-	1. ***Ir-reġistru*** pubbliku ċentrali ***għandu jidentifika l-kategoriji ewlenin ta' informazzjoni rilevanti għall-konsumatur u għandu jinkludi dan li ġej:***

PEPP***, id-data tar-reġistrazzjoni tal-PEPP, jekk il-PEPP huwiex PEPP Bażiku jew PEPP imfassal apposta, lista sħiħa tal-Istati Membri li fihom dan il-PEPP huwa offrut*** u ***lista sħiħa ta' Stati Membri li għalihom il-fornitur tal-PEPP joffri subkont. Ir-reġistru għandu jindika wkoll, għal kull PEPP irreġistrat, il-kostijiet annwali totali u l-prestazzjoni medja tal-passat matul l-1, it-3, il-5 u l-10 snin preċedenti, u l-indikaturi sommarji tar-riskju, kollha kif divulgati fid-dokument bl-informazzjoni ewlenija msemmi fl-Artikolu 26. Ir-reġistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku f'format elettroniku u għandu jinżamm aġġornat***.;

i. il-pajjiżi li fihom jiġi ddistribwit il-PEPP***;***

ii. l-isem tal-prodott;

iii. il-karatteristiċi tal-prodott, bħal jekk huwiex prodott tal-EuroPension jew PEPP imfassal apposta, l-assi li fihom se jiġi investit il-PEPP, il-metodi ta' ħruġ bħala somma f'daqqa jew annwalità u l-possibbiltajiet ta' ġbid bikri;

iv. l-indikaturi tar-riskju;

v. it-tariffi;

vi. il-prestazzjonijiet tal-passat matul l-aħħar 5 u 10 snin, fejn applikabbli;

vii. il-vantaġġi tat-taxxa, jekk ikun hemm;

viii. l-informazzjoni ta' kuntatt tal-fornitur tal-PEPP; u

ix. link għall-KID li jkun fih il-bqija tal-informazzjoni rilevanti.;

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 13 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) fl-Artikolu 13, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"3a. Il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jużaw ir-reġistru pubbliku ċentrali b'mod sempliċi, diġitalment faċli u interattiv. Wara l-ittestjar mill-konsumaturi, l-EIOPA għandha taġġorna r-reġistru pubbliku ċentrali biex tiżgura li jkun immirat għall-konsumatur u faċli biex jintuża, u għandha tikkunsidra, fejn rilevanti, l-użu ta' graffs u immaġnijiet. B'mod partikolari, il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jiffiltraw il-PEPPs offruti f'kull pajjiż b'mod faċli għall-utent."

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(7a) Fl-Artikolu 23, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Għad-distribuzzjoni tal-PEPPs, it-tipi differenti ta' fornituri tal-PEPP u ta' distributuri tal-PEPP għandhom jikkonformaw mar-regoli li ġejjin:	"1. Għad-distribuzzjoni tal-PEPPs, it-tipi differenti ta' fornituri tal-PEPP u ta' distributuri tal-PEPP għandhom jikkonformaw mar-regoli li ġejjin:
(a) impriżi tal-assigurazzjoni kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament u l-intermedjarji tal-assigurazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 10(2) ta' dan ir-Regolament għandhom jikkonformaw mal-liġi nazzjonali applikabbli li ddaħħal fis-seħħ ir-regoli stabbiliti fil-Kapitoli V u VI tad-Direttiva (UE) 2016/97, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 20, 23, 25 u l-Artikolu 30(3) ta' dik id-	(a) impriżi tal-assigurazzjoni kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament u l-intermedjarji tal-assigurazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 10(2) ta' dan ir-Regolament għandhom jikkonformaw mal-liġi nazzjonali applikabbli li ddaħħal fis-seħħ ir-regoli stabbiliti fil-Kapitoli V u VI tad-Direttiva (UE) 2016/97, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 20, 23, 25 u l-Artikolu 30(3) ta' dik id-

Direttiva għad-distribuzzjoni ta' prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni, ma' kwalunkwe liġi direttament applikabbli tal-Unjoni adottata skont dawk ir-regoli fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' tali prodotti u ma' dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 34(4);	Direttiva għad-distribuzzjoni ta' prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni, ma' kwalunkwe liġi direttament applikabbli tal-Unjoni adottata skont dawk ir-regoli fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' tali prodotti u ma' dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 34(4);
(b) id-ditti ta' investiment kif imsemmija fl-Artikolu 10(2) ta' dan ir-Regolament għandhom jikkonformaw mal-liġi nazzjonali applikabbli li daħħal fis-seħħ ir-regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni u d-distribuzzjoni tal-istrumenti finanzjarji stipulati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 16(3) u l-Artikoli 23, 24 u 25 tad-Direttiva 2014/65/UE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 24(2) u l-Artikolu 25(3) u (4) ta' dik id-Direttiva, ma' kwalunkwe liġi direttament applikabbli tal-Unjoni adottata skont dawk id-dispożizzjonijiet, u ma' dan ir-Regolament bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 34(4);	(b) id-ditti ta' investiment kif imsemmija fl-Artikolu 10(2) ta' dan ir-Regolament għandhom jikkonformaw mal-liġi nazzjonali applikabbli li daħħal fis-seħħ ir-regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni u d-distribuzzjoni tal-istrumenti finanzjarji stipulati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 16(3) u l-Artikoli 23, 24***, 24c*** u 25 tad-Direttiva 2014/65/UE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 24(2) u l-Artikolu 25(3) u (4) ta' dik id-Direttiva, ma' kwalunkwe liġi direttament applikabbli tal-Unjoni adottata skont dawk id-dispożizzjonijiet, u ma' dan ir-Regolament bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 34(4);
(c) il-fornituri tal-PEPP u d-distributuri tal-PEPP kollha għandhom jikkonformaw mal-liġi nazzjonali applikabbli li ddaħħal fis-seħħ ir-regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni u d-distribuzzjoni tal-istrumenti finanzjarji stipulati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 16(3) u fl-Artikoli 23, 24 u 25 tad-Direttiva 2014/65/UE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 24(2) u l-Artikolu 25(2), (3) u (4) ta' dik id-Direttiva, ma' kwalunkwe liġi direttament applikabbli tal-Unjoni adottata skont dawk id-dispożizzjonijiet, u ma' dan ir-Regolament;	(c) il-fornituri tal-PEPP u d-distributuri tal-PEPP kollha għandhom jikkonformaw mal-liġi nazzjonali applikabbli li ddaħħal fis-seħħ ir-regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni u d-distribuzzjoni tal-istrumenti finanzjarji stipulati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 16(3) u fl-Artikoli 23, 24***, 24c*** u 25 tad-Direttiva 2014/65/UE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 24(2) u l-Artikolu 25(2), (3) u (4) ta' dik id-Direttiva, ma' kwalunkwe liġi direttament applikabbli tal-Unjoni adottata skont dawk id-dispożizzjonijiet, u ma' dan ir-Regolament.**"**

Or. en

(02019R1238)

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7b (ġdid)

Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(7b) fl-Artikolu 24, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Fuq talba, il-fornituri tal-PEPP u d-distributuri tal-PEPP għandhom jipprovdu dawk id-dokumenti u l-informazzjoni b'xejn fuq mezz ieħor li jservi għal żmien twil ukoll, inkluż fuq il-karta. Il-fornituri tal-PEPP u d-distributuri tal-PEPP għandhom jinfurmaw lill-klijenti tal-PEPP dwar id-dritt tagħhom li jitolbu kopja ta' dawk id-dokumenti fuq mezz ieħor li jservi għal żmien twil, inkluż il-karta, mingħajr ħlas.	"Fuq talba, il-fornituri tal-PEPP u d-distributuri tal-PEPP għandhom jipprovdu dawk id-dokumenti u l-informazzjoni b'xejn fuq mezz ieħor li jservi għal żmien twil ukoll, inkluż fuq il-karta. Il-fornituri tal-PEPP u d-distributuri tal-PEPP għandhom jinfurmaw lill-klijenti tal-PEPP dwar id-dritt tagħhom li jitolbu kopja ta' dawk id-dokumenti fuq mezz ieħor li jservi għal żmien twil, inkluż il-karta, mingħajr ħlas. ***Il-kontenut tal-KID għandu jkun l-istess, kemm jekk jiġi pprovdut f'format elettroniku kif ukoll fuq mezz ieħor li jservi għal żmien twil."***

Or. en

(02019R1238)

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 26 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(9a) fl-Artikolu 26(3), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. Il-KID tal-PEPP għandu jkun dokument awtonomu, separat b'mod ċar ***mill-materjal*** tal-kummerċjalizzazzjoni. Huwa ma għandux ikun fih kontroreferenzi għal ***materjal*** ta' kummerċjalizzazzjoni. Jista' jkun fih kontroreferenzi għal dokumenti oħrajn inkluż prospett fejn applikabbli, u biss fejn il-kontroreferenza hija relatata mal-informazzjoni rikjesta li għandha tiġi inkluża fil-KID tal-PEPP minn dan ir-Regolament.	"3. Il-KID tal-PEPP għandu jkun dokument awtonomu, separat b'mod ċar***mill-komunikazzjonijiet*** tal-kummerċjalizzazzjoni. Huwa ma għandux ikun fih kontroreferenzi għal ***komunikazzjonijiet*** ta' kummerċjalizzazzjoni. Jista' jkun fih kontroreferenzi għal dokumenti oħrajn inkluż prospett fejn applikabbli, u biss fejn il-kontroreferenza hija relatata mal-informazzjoni rikjesta li għandha tiġi inkluża fil-KID tal-PEPP minn dan ir-Regolament.**"**

Or. en

(02019R1238)

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9b (ġdid)
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 26 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9b) fl-Artikolu 26, jitħassar il-paragrafu 9;

Or. en

(02019R1238)

Ġustifikazzjoni

Tmexxa għall-Artikolu 28(3), il-punt (d)(iii).

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9c (ġdid)
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 28 – paragrafu 3 – punt a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(9c) fl-Artikolu 28(3), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(a) fil-bidu tad-dokument: l-isem tal-PEPP, jekk huwiex PEPP Bażiku jew le, l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tal-fornitur tal-PEPP, informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti tal-fornitur tal-PEPP, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-PEPP fir-reġistru pubbliku ċentrali u d-data tad-dokument;	"(a) fil-bidu tad-dokument: l-isem tal-PEPP, jekk huwiex PEPP Bażiku jew le, l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tal-fornitur tal-PEPP, informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti tal-fornitur tal-PEPP, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-PEPP fir-reġistru pubbliku ċentrali u d-data tad-dokument; ***għal PEPP Bażiku, id-dežinjazzjoni "Prodott tal-EuroPension" biss għandha tintwera lill-konsumaturi***;**"**

Or. en

(02019R1238)

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9d (ġdid)
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 28 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9d) Fl-Artikolu 28(3), jiddaħħal il-punt li ġej:
	"(ba) dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà qasira li tinforma lill-faddal tal-PEPP bl-eżistenza tar-reġistru pubbliku ċentrali msemmi fl-Artikolu 13 u tindika li l-PEPPs irreġistrati kollha huma disponibbli f'dak ir-reġistru, inkluż il-link tal-internet għal dak ir-reġistru."

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a – punt ii
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 28 – paragrafu 3 – punt c – punt xviii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(xviii) informazzjoni li l-PEPPs irreġistrati kollha huma disponibbli fir-reġistru pubbliku ċentrali msemmi fl-Artikolu 13, inkluż il-link tal-internet għal dak ir-reġistru.;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tmexxa 'l fuq fil-KID tal-PEPP (ara l-emenda fl-Artikolu 28(3), il-punt (ba) il-ġdid)

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 28 – paragrafu 3 – punt d – punt iii

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) fl-Artikolu 28(3), il-punt (d), il-punt (iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:
iii) xenarji tal-prestazzjoni xierqa ***u s-suppożizzjonijiet*** li fuqhom huma bbażati;	**"*(iii) il-prestazzjoni tal-passat, fejn possibbli, u*** xenarji tal-prestazzjoni xierqa ***bis-suppożizzjonijiet*** li fuqhom huma bbażati;**"**

Or. en

(02019R1238)

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 29

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(10a) L-Artikolu 29 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 29	**"**Artikolu 29
Materjal ta' kummerċjalizzazzjoni	***Komunikazzjonijiet u prattiki*** ta' kummerċjalizzazzjoni
Il-materjal tal-kummerċjalizzazzjoni li ***fih*** informazzjoni speċifika relatata mal-PEPP ma ***għandux jinkludi*** ebda dikjarazzjoni li tikkontradixxi l-informazzjoni li tinsab fil-KID tal-PEPP jew li tnaqqas is-sinifikat tal-KID tal-PEPP. ***Il-materjal*** tal-kummerċjalizzazzjoni ***għandu jindika*** li KID tal-PEPP huwa disponibbli u jipprovdu informazzjoni dwar kif u fejn jista' jinkiseb, inkluż is-sit web tal-fornitur tal-PEPP.	***Il-komunikazzjonijiet*** tal-kummerċjalizzazzjoni li ***fihom*** informazzjoni speċifika relatata mal-PEPP ma ***għandhom jinkludu*** ebda dikjarazzjoni li tikkontradixxi l-informazzjoni li tinsab fil-KID tal-PEPP jew li tnaqqas is-sinifikat tal-KID tal-PEPP. ***Il-komunikazzjonijiet*** tal-kummerċjalizzazzjoni ***għandhom jindikaw*** li KID tal-PEPP huwa disponibbli u jipprovdu informazzjoni dwar kif u fejn jista' jinkiseb, inkluż is-sit web tal-fornitur tal-PEPP.**"**

Or. en

(02019R1238)

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt b
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rekwiżit li jingħata parir lil faddal tal-PEPP prospettiv f'konformità mal-paragrafu 2, ***l-ewwel subparagrafu, ma għandux japplika fir-rigward tad-distribuzzjoni*** tal-PEPP Bażiku.	***B'deroga mill-paragrafu*** 2, ***u bħala mod kif jiġi ffaċilitat il-vjaġġ tal-investitur, il-parir mogħti lill-faddala prospettivi tal-PEPP Bażiku għandu jingħata b'mod awtomatiku permezz ta' mezzi diġitali. Il-faddal*** tal-PEPP Bażiku ***għandu jżomm id-dritt li jitlob parir wieċ imb wieċ ipprovdut***

	permezz ta' konsulent finanzjarju, li l-fornitur tal-PEPP jew id-distributur tal-PEPP għandu jagħmel disponibbli fuq tali talba. Meta l-fornitur tal-PEPP jew id-distributur tal-PEPP jiġi infurmat b'bidla fis-sitwazzjoni personali jew finanzjarja tal-faddal tal-PEPP, jew fl-objettivi ta' investiment tal-faddal tal-PEPP, il-fornitur jew id-distributur tal-PEPP għandu japplika r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 4.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt b
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ li jingħata parir fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-PEPP Bażiku, il-parir għandu jingħata biss jekk jintalab mill-faddal tal-PEPP. Il-fornitur tal-PEPP jew id-distributur tal-PEPP għandu jipprovdi l-parir fuq bażi indipendenti.;	***imħassar***

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt c
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 34 – paragrafu 4a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:	***imħassar***
"4a. B'deroga mill-paragrafu 4, meta jingħata parir fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-PEPP Bażiku, il-	

fornitur jew id-distributur tal-PEPP ma għandu jkollu l-ebda obbligu li jikseb informazzjoni dwar l-għarfien u l-esperjenza tal-faddal tal-PEPP prospettiv;"

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(12a) fl-Artikolu 35, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Il-fornituri tal-PEPP għandhom ifasslu dokument konċiż ippersonalizzat li għandu jiġi provdut matul il-fażi ta' akkumulazzjoni li jkun fih l-informazzjoni ewlieni għal kull faddal tal-PEPP b'kunsiderazzjoni tan-natura speċifika tas-sistemi nazzjonali tal-pensjonijiet u ta' kwalunkwe liġi, inklużi dawk soċjali, tax-xogħol u fiskali nazzjonali rilevanti ("Dikjarazzjoni tal-Benefiċċju tal-PEPP"). It-titlu tad-dokument għandu jkun fih il-kliem "Dikjarazzjoni tal-Benefiċċju tal-PEPP".	"1. Il-fornituri tal-PEPP għandhom ifasslu dokument konċiż ippersonalizzat li għandu jiġi provdut matul il-fażi ta' akkumulazzjoni li jkun fih l-informazzjoni ewlieni għal kull faddal tal-PEPP b'kunsiderazzjoni tan-natura speċifika tas-sistemi nazzjonali tal-pensjonijiet u ta' kwalunkwe liġi, inklużi dawk soċjali, tax-xogħol u fiskali nazzjonali rilevanti ("Dikjarazzjoni tal-Benefiċċju tal-PEPP"). It-Titolu tad-dokument għandu jkun fih il-kliem "Dikjarazzjoni tal-Benefiċċju tal-PEPP" ***għal PEPP imfassal apposta u "Dikjarazzjoni tal-Benefiċċju tal-Prodott tal-EuroPension" għal PEPP bażiku***."**

Or. en

(02019R1238)

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 42 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-PEPP Bażiku ***msemmi fl-Artikolu 45***;	(a) il-PEPP Bażiku ***tikkettat bħala "Prodott tal-EuroPension" għall-faddala tal-PEPP***;

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 42 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri tal-PEPP għandhom ifasslu l-opzjonijiet ta' investiment fuq il-bażi ta' teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju skont it-tifsira tal-Artikolu 46.;	3. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 45(1) ta' dan ir-Regolament,*** il-fornituri tal-PEPP għandhom ifasslu l-opzjonijiet ta' investiment fuq il-bażi ta' teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju skont it-tifsira tal-Artikolu 46.;

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 45 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-PEPP Bażiku	Il-PEPP Bażiku ***tikkettat bħala "Prodott tal-EuroPension"***

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 45 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri tal-PEPP għandhom ifasslu l-opzjoni ta' investiment tal-PEPP Bażiku abbażi ta' strateġija ta' investiment tul iċ-ċiklu tal-ħajja.	1. Il-fornituri tal-PEPP għandhom ifasslu l-opzjoni ta' investiment tal-PEPP Bażiku***, offrut lill-faddala tal-PEPP taħt it-tikketta ta' "Prodott tal-EuroPension",*** abbażi ta' strateġija ta' investiment tul iċ-ċiklu tal-ħajja.

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 45 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' investiment stabbiliti fl-Artikolu 41, ***mill-inqas 95 % tal-assi tal-PEPP*** Bażiku ***għajr il-flus għandhom jiġu investiti fi kwalunkwe wieħed mill-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 25(4)(a), il-punti (i) sa (iv), tad-Direttiva 2014/65/UE***.;	2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' investiment stabbiliti fl-Artikolu 41, ***il-PEPP*** Bażiku ***offrut lill-faddala tal-PEPP taħt it-tikketta "Prodott tal-EuroPension" għandu jiġi investit skont il-"prinċipju tal-persuna prudenti", li jippermetti investimenti f'kumpaniji Ewropej mhux elenkati, bħal unitajiet jew ishma ta' fondi Ewropej ta' investiment fuq terminu twil (ELTIFs) awtorizzati f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/760, fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju awtorizzati f'konformità mar-Regolament 2013/345 jew fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej f'konformità mar-Regolament 2013/346***.;

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20 – punt a
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-użu tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għandu jiżgura li l-istrateġiji ta' investiment għall-PEPP jitfasslu biex jiġi prodott introjtu tal-irtirar futur individwali stabbli u adegwat u jiġi żgurat trattament ġust tal-ġenerazzjonijiet kollha ta' faddala tal-PEPP. Dawk it-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għandhom iqisu d-durata li mistennija jifdal tal-fażi ta' akkumulazzjoni individwali tal-faddal tal-PEPP jew tal-grupp ta' faddala tal-PEPP u l-opzjoni ta' dekumulazzjoni magħżula mill-faddal tal-PEPP. It-tekniki kollha tal-mitigazzjoni tar-riskju għandhom ikunu qawwijin, robusti u konsistenti mal-profil tar-riskju tal-opzjoni ta' investiment korrispondenti.;	1. L-użu tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għandu jiżgura li l-istrateġiji ta' investiment għall-PEPP jitfasslu biex jiġi prodott introjtu tal-irtirar futur individwali stabbli u adegwat u jiġi żgurat trattament ġust tal-ġenerazzjonijiet kollha ta' faddala tal-PEPP. Dawk it-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għandhom iqisu d-durata li mistennija jifdal tal-fażi ta' akkumulazzjoni individwali tal-faddal tal-PEPP jew tal-grupp ta' faddala tal-PEPP u***, fejn rilevanti,*** l-opzjoni ta' dekumulazzjoni magħżula mill-faddal tal-PEPP. It-tekniki kollha tal-mitigazzjoni tar-riskju għandhom ikunu qawwijin, robusti u konsistenti mal-profil tar-riskju tal-opzjoni ta' investiment korrispondenti.;

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 47 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Mingħajr preġudizzju għal-liġi soċjali u tax-xogħol nazzjonali dwar l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet u l-awtonomija tas-sħab soċjali, inklużi s-sħubija obbligatorja u l-eżiti tal-ftehimiet ta' negozjar kollettiv, u sakemm ma tinterferixxix mal-iskemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali eżistenti, l-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu lill-impjegaturi	3. Mingħajr preġudizzju għal-liġi soċjali u tax-xogħol nazzjonali dwar l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet u l-awtonomija tas-sħab soċjali, inklużi s-sħubija obbligatorja u l-eżiti tal-ftehimiet ta' negozjar kollettiv, u sakemm ma tinterferixxix mal-iskemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali eżistenti, l-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu lill-impjegaturi

milli jikkontribwixxu volontarjament għal PEPP għall-impjegati tagħhom li huma faddala tal-PEPP u li jaqblu ma' dan.	milli jikkontribwixxu volontarjament għal PEPP għall-impjegati tagħhom li huma faddala tal-PEPP u li jaqblu ma' dan. ***Il-PEPP, li għalih jikkontribwixxu kemm l-impjegatur kif ukoll l-impjegat, għandu jibqa' prodott tal-pensjoni tat-tielet pilastru.***

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 47 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għal-liġi soċjali u tax-xogħol nazzjonali dwar l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet u l-awtonomija tas-sħab soċjali, inklużi s-sħubija obbligatorja u l-eżiti tal-ftehimiet ta' negozjar kollettiv, u sakemm ma tinterferixxix mal-iskemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali eżistenti, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-PEPP jingħata lil impjegat bħala parti minn arranġament ta' fuq il-post tax-xogħol bl-awtoreġistrazzjoni.	Mingħajr preġudizzju għal-liġi soċjali u tax-xogħol nazzjonali dwar l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet u l-awtonomija tas-sħab soċjali, inklużi s-sħubija obbligatorja u l-eżiti tal-ftehimiet ta' negozjar kollettiv, u sakemm ma tinterferixxix mal-iskemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali eżistenti, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-PEPP jingħata lil impjegat bħala parti minn arranġament ta' fuq il-post tax-xogħol bl-awtoreġistrazzjoni ***meta ma tkun disponibbli l-ebda skema ta' pensjoni okkupazzjonali eżistenti tat-tieni pilastru fl-Istat Membru kkonċernat***. ***Il-PEPP, li għalih jikkontribwixxu kemm l-impjegatur kif ukoll l-impjegat, għandu jibqa' prodott tal-pensjoni tat-tielet pilastru.***

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt aa (ġdid)

Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 51aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-Artikolu li ġej jiddaħħal qabel l-Artikolu 52:
	Artikolu 51aa
	Trasferimenti bejn il-PEPPs
	L-Istati Membri għandhom jippermettu trasferimenti bejn il-PEPPs, irrispettivament mit-tip ta' PEPP ikkonċernat, kemm jekk ikun "Prodott tal-EuroPension" kif ukoll jekk ikun PEPP imfassal apposta. PEPP tal-post tax-xogħol għandu jkun eliġibbli wkoll għal dawk it-trasferimenti.

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt b
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 56b –titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Trasferimenti minn prodotti tal-pensjoni personali oħra	Trasferimenti minn ***u lejn*** prodotti tal-pensjoni personali oħra

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt b
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 56b – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom	1. L-Istati Membri għandhom

jippermettu t-trasferimenti minn prodotti tal-pensjoni personali oħrajn lejn PEPP.	jippermettu t-trasferimenti minn prodotti tal-pensjoni personali oħrajn lejn PEPP ***u minn PEPP lejn prodott tal-pensjoni personali ieħor***.

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25a (ġdid)
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 61 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(25a) fl-Artikolu 61, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. L-EIOPA u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw il-prodotti tal-pensjoni personali pprovduti jew distribwiti sabiex jivverifikaw li tali prodotti huma ddeżinjati **"**PEPP**"** jew huwa ssuġġerit li tali prodotti huma PEPPs biss meta jkunu rreġistrati skont dan ir-Regolament.	**"**2. L-EIOPA u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw il-prodotti tal-pensjoni personali pprovduti jew distribwiti sabiex jivverifikaw li tali prodotti huma ddeżinjati ***'Prodott tal-EuroPension',*** **'**PEPP***'*** jew huwa ssuġġerit li tali prodotti huma PEPPs biss meta jkunu rreġistrati skont dan ir-Regolament.**"**

Or. en

(02019R1238)

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25b (ġdid)
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 62 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(25b) fl-Artikolu 62, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat superviżorji u investigattivi kollha li huma meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom skont dan ir-Regolament.	**"**Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat superviżorji u investigattivi kollha***, inkluż il-kapaċità li jwettqu attivitajiet ta' xiri bil-moħbi,*** li huma meħtieġa għat-twettiq

tal-funzjonijiet tagħhom skont dan ir-Regolament.**”**

Or. en

(02019R1238)

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 28a (ġdid)
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 65 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(28a) fl-Artikolu 65(3), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu jkunu ġew issodisfati, l-EIOPA tista' timponi l-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni msemmija fil-paragrafu 2 fuq bażi prekawzjonarja qabel ma PEPP ikun ġie kkumerċjalizzat, distribwit jew mibjugħ lill-klijenti tal-PEPP.	**“**Meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu jkunu ġew issodisfati, l-EIOPA tista' timponi l-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni msemmija fil-paragrafu 2 fuq bażi prekawzjonarja qabel ma PEPP ikun ġie kkumerċjalizzat, distribwit jew mibjugħ lill-klijenti tal-PEPP***, speċjalment meta jikkonċerna PEPP Bażiku tikkettat bħala 'Prodott tal-EuroPension'***.**”**

Or. en

(02019R1238)

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapporteur tirrikonoxxi li l-PEPP ilu fis-seħħ għal snin sħaħ, għalkemm ftit li xejn jintuża. Żewġ fornituri biss joffruh fl-Unjoni Ewropea (UE), u 76 % tal-Ewropej qatt ma semgħu bih, skont ir-Rapport dwar ix-Xejriet tal-Konsumatur tal-2024 tal-EIOPA.

Minħabba l-isfidi li qed niffaċċjaw bħalissa (b'mod partikolari l-iskarsezza ta' fondi pubbliċi biex jiġi ggarantit introjtu deċenti għall-irtirar għaċ-ċittadini permezz tal-Pilastru I biss), iċ-ċittadini għandu jkollhom għażliet disponibbli għalihom jekk ikunu jixtiequ jissupplimentaw il-pensjoni tal-Pilastru I tagħhom. Tabilħaqq, in-numri ppubblikati mill-EIOPA juru li sal-2070, il-pensjonijiet tal-Istat huma mistennija jirrappreżentaw biss 38 % tal-qligħ medju tal-passat ta' ħaddiem. Għalhekk, huwa importanti li ċ-ċittadini jingħataw is-setgħa b'aktar għażliet finanzjarji biex jindirizzaw din il-kwistjoni f'konformità mal-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti. L-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li l-Pilastru 1 jibqa' robust, filwaqt li jippermettu liċ-ċittadini jikkomplementawh b'sorsi oħra ta' dħul jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan. Dan jista' jfisser pensjonijiet okkupazzjonali offruti mill-impjegaturi tagħhom (Pilastru 2), jew l-offerta ta' prodotti tal-pensjoni attraenti li ċ-ċittadini jistgħu jinvestu fihom individwalment (Pilastru 3).

Ir-Rapporteur tqis il-proposta tal-Kummissjoni bħala bażi tajba, filwaqt li temmen li ċerti emendi huma meħtieġa biex l-objettiv inizjali jiġi segwit b'mod aktar effettiv.

Tassazzjoni

L-esperjenza wriet li t-trattament tat-taxxa ta' prodott finanzjarju huwa benefiċċju konkret li l-konsumaturi jfittxu meta jieħdu deċiżjoni ta' investiment, u b'hekk isir fattur determinanti ewlieni tas-suċċess tal-użu ta' prodott finanzjarju. Skont l-Artikolu 110 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, "*l-ebda Stat Membru ma għandu japplika fuq il-prodotti ta' Stati Membri oħra taxxi interni ta' tali natura li jagħtu protezzjoni indiretta lill-produzzjoni ta' merkanzija oħra*". Fid-dawl ta' din id-dispożizzjoni, ir-Rapporteur issuġġeriet li jerġa' jinkiteb l-Artikolu 3 tar-Regolament dwar il-PEPP. Barra minn hekk, ir-Rapporteur tissuġġerixxi li l-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew jew kwalunkwe Stat Membru għandu jkun jista' jirrikjedi li Stat Membru jiġġustifika, mingħajr dewmien żejjed, miżuri nazzjonali fejn ikun hemm bażijiet raġonevoli biex jitqies li d-dispożizzjonijiet tat-taxxa jkunu qed jiġu applikati b'mod diskriminatorju sabiex jagħmlu l-PEPPs inqas attraenti minn prodott tal-pensjoni nazzjonali. Meta l-ġustifikazzjoni li tingħata, jew in-nuqqas ta' ġustifikazzjoni jitqies mhux sodisfaċenti, il-Parlament Ewropew jista' jitlob lill-Kummissjoni tibda proċedura ta' ksur skont l-Artikolu 258 tat-TFUE.

Il-PEPP Bażiku

Fil-kuntest tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, ir-Rapporteur temmen li l-prodotti finanzjarji jeħtieġ li jkunu aktar aċċessibbli għall-konsumaturi, anke fil-mod kif jissemmew. Ir-Rapporteur għalhekk tissuġġerixxi li l-PEPP Bażiku jiġi ttikkettat bħala "Prodott tal-EuroPension" għall-konsumaturi.

Barra minn hekk, minħabba li l-PEPP Bażiku ("Prodott tal-EuroPension") isegwi approċċ b'ċikli tal-ħajja, l-investimenti li jsiru għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-persuna prudenti mingħajr il-ħtieġa li l-allokazzjoni tal-assi tiġi ristretta aktar b'limiti kwantitattivi. Tabilħaqq, il-limiti kwantitattivi fuq l-allokazzjoni tal-assi ta' PEPP ikunu inkonsistenti mal-istrateġija ta'

investiment (approċċ b'ċikli tal-ħajja), fejn l-allokazzjoni tal-assi hija maħsuba li tevolvi matul il-ħajja ta' PEPP.

Fl-aħħar nett, il-pariri għall-PEPP Bażiku għandhom jibqgħu disponibbli b'mod aktar faċli għall-utent. Dan il-parir għandu jingħata awtomatikament b'mezzi diġitali, bil-konsumaturi jkunu jistgħu jitolbu parir wiċċ imb wiċċ jekk jippreferu.

Il-PEPP tal-post tax-xogħol

Ir-Rapporteur tappoġġja bil-qawwa l-proposta tal-Kummissjoni ta' PEPP tal-post tax-xogħol. Il-PEPPs tal-post tax-xogħol huma l-aktar siewja fl-Istati Membri fejn ma jeżistux prodotti tal-Pilastru 2 għall-ħaddiema. F'dan ix-xenarju (fejn ma tiġi proposta l-ebda alternattiva), il-PEPP għandu jkun jista' jiġi pprovdut bħala prodott tal-Pilastru III minn impjegatur lil impjegat, bil-possibbiltà li tiġi introdotta l-awtoreġistrazzjoni. Madankollu, meta l-prodotti tal-Pilastru II ikunu disponibbli, il-PEPP tal-post tax-xogħol jista' jiġi propost mill-impjegatur lill-impjegat bħala għażla li tipprovdi sors addizzjonali ta' dħul mill-pensjoni.

Il-bdil tal-PEPPs

Filwaqt li l-bdil frekwenti tal-PEPPs għandu jiġi evitat, peress li mhuwiex fl-interess finanzjarju tal-konsumatur minħabba n-natura fit-tul tal-investimenti tal-pensjonijiet, il-konsumaturi għandu jibqa' jkollhom id-dritt li jibdlu l-PEPP, biex ikunu jistgħu jaqilbu għal prodott tal-pensjoni aktar attraenti. Din it-trasferibbiltà għandha tiġi ffaċilitata bejn il-PEPPs, inklużi l-PEPPs tal-post tax-xogħol, u bejn PEPP u prodott tal-pensjoni nazzjonali. Dan huwa essenzjali biex il-konsumatur ikollu l-akbar għażla possibbli fil-każ ta' offerta aktar attraenti.

Ir-reġistru pubbliku tal-EIOPA

Ir-reġistru pubbliku tal-EIOPA, fil-forma attwali tiegħu, mhuwiex adattat għall-użu prattiku. Mhuwiex faċli biex jintuża u juri informazzjoni li mhijiex rilevanti għall-konsumatur. Ir-Rapporteur tissuġġerixxi li l-EIOPA tiddisinjah b'mod immirat għall-konsumatur, biex tiżgura li jkun jista' jinqara, ikun informattiv, u aktar faċli biex jiġi nnavigat. Wara l-ittestjar mill-konsumaturi, l-informazzjoni għandha tkun limitata għal dak li huwa essenzjali għall-konsumaturi, u d-diġitalizzazzjoni għandha tiġi sfruttata biex is-sit web isir aktar faċli biex jintuża.

Koerenza ma' leġiżlazzjonijiet oħrajn

Ir-Rapporteur temmen li huwa importanti li tinżamm il-konsistenza fil-leġiżlazzjoni kollha biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (jiġifieri, jissaħħu l-eżiti tal-konsumatur u l-għażliet għall-konsumatur) u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-kumpaniji. Bil-PEPP, għandha tiġi żgurata l-koerenza mar-rieżami tal-IORP (dwar il-prinċipju tal-persuna tal-prodott), u l-Istrateġija ta' Investiment għall-Konsumatur (dwar il-valur għall-flus, il-materjali tal-kummerċjalizzazzjoni, is-setgħat ta' superviżjoni u d-Dokument bl-Informazzjoni Ewlenija mfassal f'konformità mar-Regolament dwar il-PRIIPs).

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li fir-rapport tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
European Insurance and Occupational Pensions Authority (EIOPA)
InvestEurope
European Fund and Asset Management Association (EFAMA)
Pan-European Personal Pension Providers Association (PEPPA)
Better Finance
Bureau Européen des Unions de Consommateurs
PensionsEurope
Insurance Europe
Fédération Européenne des Conseils et Intermédiaires Financiers
European Association of Paritarian Institutions of Social Protection
FranceInvest
Gesamtverband der Deutschen Versicherungswirtschaft e.V.
Pensioenfederatie (Federation of the Dutch Pension Funds)
Association Française de la Gestion financière (AFG)
Capital International Management Company (ICI)
BlackRock
France Assureurs
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom
Xejn

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).